


FOLJU MAHRUĠ DARBA FIX-XAHAR MID-DIPARTIMENT TAL-BIEDJA
EDITUR: J. ORLANDO-SMITH

Nru. 165 | MEJJU, 1953. | Nru. 165

# HXEJJEX, FROTT, FJURI

**GĦALL-ĦENA tal-bniedem, l-ewwel ħaġa li ġiet maħluqa mill-kbir Alla, kienet ġnien, sabiex il-maħluqin ikunu jistgħu jsibu fih l-akbar safa' u tpaxxija li wieħed jista' jiltaqa' magħhom f'din id-dinja. Il-ġonna kienu, għadhom u jibqgħu, is-serħan u l-imħabba tal-bnedmin.**

Il-kultivazzjoni tal-ħxejjex, frott u fjuri bis-sengħa hija dik il-parti li għandha x'taqsam mal-biedja biex il-ħaddiema ta' l-art jieħdu l-aħjar u l-itjeb li tista' tagħti l-art. Din il-fergħa tal-biedja msejsa fuq ix-xjenza moderna hija magħrufa bl-isem ta' Ortikultura u studjużi kbar, ħlew għadd kbir ta' snin minn għomorhom sabiex irnexxielhom inisslu ħxejjex ġodda, dakkir u tkattir ta' pjanti u żrieragħ biex il-bniedem kompla żied il-varjetajiet tal-prodotti għall-għixien tiegħu u tejjeb u kabbar is-sustanzi tal-frottijiet u l-ħxejjex li ġa kien jaf bihom.

Il-ħidma tal-ġonna ilha teżisti sa minn mindu l-ewwel ħaddiem ta' l-art ta' dawk l-ewwel daqqiet fuq il-ħamrija biex kabbar l-ewwel prodotti u beda jiekol pjanti kultivati li rnexxielu jrawwem huwa stess. Jekk wieħed iħares lejn il-ġrajjiet tad-dinja jintebaħ li ħafna mill-ekonomija u ċiviltà tal-maħluqin kienet bażata fuq l-Ortikultura, li għenet ma' tul is-sekli ċ-ċivilizzazzjoni u mxiet id f'id ma' li "standard of living" fil-ħajja tal-maħluq.

L-Ortikultura kienet dik il-fergħa tal-biedja li kabbret lakbar imħabba lejn il-ħdura u daħħlet l-użu tal-pjanti f'kull rokna li jgħix fiha l-bniedem. Ħxejjex li qabel kienu mitlufa f'għixien selvaġġ ġew miġbura u kkurati biex jagħtuna l-aħjar ikel li qegħdin nużaw fi żmenijietna, minbarra li għadd kbir ta' frottijiet saru l-aktar bnina u sustanzjużi bil-ħila tal-kuri u tat-taħlit li sar fuqhom bl-għaqal u bl-għerf ta' nies li studjaw l-Ortikultura.

Liema huwa dak il-bniedem li ma jħossx tpaxxija u hena meta jsib ruħu qalb ħdura, siġar u fjuri! Kemm huwa kbir is-serħan li nħossu fina, meta moħħna u qlubna jimtlew bit-toqol u d-dwejjaq, li f'din il-ħajja daqqiet niltaqgħu magħhom, u biex neħilsu minn dawn il-gwajjiet li d-dinja tagħti, immorru nistejqru f'xi ġnien mimli siġar u fjuri.

Fil-parti tal-ħajja soċjali tagħna l-Ortikultura saret ħtieġa mill-akbar u din il-ħtieġa tinħass aktar u aktar meta l-kobor tal-ħsejjes, it-toqol tal-ħajja u ż-żieda tal-ħidma jitkattru u jiżdiedu. Fostna għandna Soċjetà li qiegħda tagħmel ħiltha biex titkabbar l-imħabba u jiżdiedu l-ġonna li għandna f'artna u għal din il-ħidma tagħha l-"Malta Horticultural Society" ħaqqha t-tifħir tal-poplu.

Tabilħaqq li mhux kulħadd jista' jaħli ħafna żmien biex irawwem ġnien u jitpaxxa bl-hena li jagħti, iżda hawn ħafna li jixtiequ jintefgħu f'din il-ħidma mill-aktar onesta u ta' saħħa u ma jafux kif għandhom jagħmlu. Fil-Wirja ta' Fjuri, Hxejjex u Frott li ser issir fil-Ġonna ta' Sant Anton, nhar is-16 u s-17 ta' Mejju, minbarra li wieħed ikun jista' jferraħ qalbu għall-ġmiel u l-hena li jara, ikun jista' jitgħallem ukoll kif għandu jagħmel ħalli jieħu l-aħjar mir-roqgħa art li għandu.

## WIRJA TA' FJURI, ĦXEJJEX U FROTT

**WASLET għal darb'oħra, wara mistennija kbira, il-Wirja kbira ta' Ħxejjex, Fjuri u Frott, li torganizza kull sena l-"Malta Horticultural Society". Din is-sena l-Wirja msemmija ser issir is-Sibt u l-Ħadd, 16 u 17 ta' Mejju, bħas-soltu, fil-Ġonna ta' Sant Anton. Tant is-Sibt kif ukoll il-Ħadd, il-Wirja ser tibqa' miftuħa sa nofs il-lejl.**

**Is-Sibt, 16 ta' Mejju, il-Wirja tiftaħ fit-3 p.m. u fit-3.30 p.m. il-Banda "St. Elena", ta' Birkirkara, tibda programm magħżul. Fis-7.30 p.m. tibda mixegħla ġenerali u l-Ġonna jkunu iffladdjati bid-dwal. Mit-8 p.m. sa nofs il-lejl, ikun hemm is-sfin ma' Tony Agius u l-Orkestra tiegħu.**

**Il-Ħadd, 17 ta' Mejju, il-Wirja tiftaħ fit-8 a.m. sa nofs in-nhar, u mis-2 p.m. sa nofs il-lejl. Mill-4 sas-7.30 p.m. jiġi preżentat programm mużikali magħżul mill-Banda "San Ġużepp", tal-Ħamrun. Il-premijiet u t-tazzi, li huma kotrana ħafna, ser jibdew jitqassmu fl-4.30 p.m., fil-waqt li mis-7.30 p.m. sa nofs il-lejl ikun hemm Lejla Venezjana u s-sfin ma' Jimmy Dowling u l-Orkestra tiegħu.**

**L-esibiti ta' din is-sena għandhom jgħaxxqu lil kull min imur jarahom u ħadd ma għandu jinsa li l-fjuri, il-ħxejjex u l-frott ta din is-sena ma batewx bil-għatx u għalhekk ser jidhru fl-aqwa tagħhom.**

**Id-dħul ikun xelin u t-tfal li jkunu mseħbin mal-ġenituri tagħhom jidħlu bla ħlas. Tinsewx li l-karrozzi jibqgħu jaħdmu sakemm jifdal in-nies fil-Ġonna**

**Mela żommu d-dati f'raskom u tinsewhomx. IS-SIBT u l-ĦADD, 16 u 17 TA' MEJJU, ser ikunu jumejn ta' divertiment mill-aqwa fil-Ġonna ta' Sant Anton, fejn ser ikun hemm il-Wirja tant mistennija ta' FJURI, ĦXEJJEX u FROTT.**

# L-Oriġini tat-Tazzi u l-Fliexken

**IT-TAZZI u l-fliexken, kif kulħadd jaf, isiru mill-ħġieġ u għalhekk dawn l-affarijiet bdew jintużaw fil-qedem meta l-bniedem irnexxielu jivvintà l-ħġieġ; iżda wieħed jistagħġeb x'relazzjoni kbira hemm bejn il-kwalità tal-ħġieġ u l-benna ta' l-inbid.**

### FTIT TA' L-ISTORJA

Kif wieħed jista' jiddeduċi mill-istorja tal-bniedem, l-ewwel tazzi kienu l-qrun tal-bhejjem ta' l-ifrat u għalhekk wieħed jista' jgħid li n-nisel tat-tazzi ġej, kif igħid il-Malti, minn Żmien Żemżem! Iżda naraw xi ħaġa dwar l-użu tal-ħġieġ għall-ħdim tal-fliexken ta' l-inbid.

Għadu ħadd ma jista' jgħid sewwa meta bdew isiru l-fliexken tal-ħġieġ biex jimtlew bl-inbid. Jinsab miktub li Tubal-Cain, it-tmien raġel li huwa msemmi wara Adam, li twieled daqs 3870 sena qabel Kristu, kien magħruf ħafna għax-xogħol tiegħu ta' oġġetti minn materjal tal-ħġieġ. Fl-istorja ta' l-Eġittu nsibu illi l-Eġizzjani sawru l-ewwel speċi ta' fliexken tal-ħġieġ daqs 1600 qabel Kristu billi ksew balal tar-ramel bil-materjal tal-ħġieġ u wara kienu jneħħu r-ramel u jibqa' s-sura ta' tazza. Fl-ewwel seklu wara Kristu, ir-Rumani kienu ħajru ħafna Eġizzjani biex imorru f'Ruma u l-industrija tal-ħġieġ tant kibret b'riħithom ġo Ruma illi Alexander Severus ħareġ taxxa fuq dawk li kienu jaħdmu l-ħġieġ.

### FLIEXKEN TA' L-INBID

L-ewwel fliexken ta' l-inbid fl-Ingilterra kienu magħmulin mill-ġild u l-fliexken ta' l-inbid f'dak il-pajjiż ma dehrux qabel il-bidu tas-seklu tmintax. Jidher li kien hemm qabża tassew kbira bejn l-ewwel għamla ta' reċipjenti tal-ħġieġ u l-ewwel fliexken!...

Dawk il-fliexken ta' l-inbid li dehru għall-bidu tas-seklu tmintax kellhom żaqq kbira u għonq twil u dejjaq ħafna u ma kienx ikollhom tappijiet tas-sufri. Wara li għadda xi żmien żaqq il-fliexken bdiet tidjieq u b'hekk il-flixkun beda jieħu għamla tawwalija. Sabiex l-arja ma tidħolx fl-inbid li jkun hemm fil-flixkun, kienu jsawbu ftit żejt fil-fliexken u b'hekk l-inbid kien jittappan u l-arja ma tidħolx.

It-tappijiet fil-fliexken ta' l-inbid dehru fl-1741 u b'hekk setgħu jinħadmu fliexken li mhux ta' bil-fors kellhom jibqgħu weqfin u wieħed kien jista' jmidd dawn il-fliexken mingħajr ma joħroġ l-inbid ta' ġo fihom.

### IL-ĦĠIEĠ F'MALTA

Insibu fl-istorja ta' Malta li l-Feniċi mhux biss li kienu bravi għax-xogħol tal-ħġieġ iżda wkoll li huma kienu jikkoltivaw id-dwieli. Issa kif jista' jkun li huma sawru l-fliexken tal-ħġieġ, kienu ta' liema għamla u daqs kienu, u ma nqdewx bihom biex jaħżnu fihom is-sugu tal-għeneb li huma tant kienu jħobbu?!... Jidhrilna li jekk wieħed jagħmel ftit ta' l-istudju dwar ix-xogħol tal-ħġieġ u l-użu ta' l-ewwel fliexken f'Malta, ikun għamel studju ta' fejda li jitfa' dawl ġdid fuq l-użu tal-ħġieġ għall-inbid.

### IL-ĦĠIEĠ U L-INBID

Sa ftit żmien ilu l-fliexken kienu isiru bl-idejn, iżda l-lum il-fliexken jistgħu jinħadmu bil-makni, u sabiex il-materjal ikun jista' jgħaddi mill-makni awtomatki mingħajr ma jagħqad, xi fabbrikanti f'xi pajjiżi jżidulu miegħu l-alkali. Jekk iż-żieda ta' l-alkali ma tkunx bilanċjata biż-żejjed skond il-ħtieġa ta' l-inbid, jiġri li l-aċidità ta' l-inbid ma' l-alkali li jkun hemm fil-ħġieġ tagħmel effett ħażin u l-inbid jitlef ħafna mill-benna tiegħu.

Ġafna fliexken li qegħdin jinħadmu fil-kontinent huma magħmulin minn taħlita tant preċiża li l-inbid fihom jibqa' jaħżen fih il-benna oriġinali tiegħu, iżda għad fadal f'xi pajjiżi fejn il-fliexken għad ma ġewx ipperfezzjonati f'din il-ħaġa u dawn itellfu sewwa l-benna ta' l-inbid li jiġi ibbottiljat ġo fihom.


## SIĠAR U PJANTI GĦALL-BEJGĦ

Siġar tal-larinġ, lumi, mandurina, ħawħ, għajnbaqar, tuffieq, kaki, ċirasa, berquq, tut, pruna, kif ukoll basal tal-fjuri u kull xorta ta' pjanti ornamentali ta' kwalità prima jinsabu għall-bejgħ minn:

**MUSCAT ROSE NURSERY,**
**Nru. 24, Idmejda Str., Ħal Balzan.**


## IL-FARFETT ABJAD

Dan il-farfett ipoġġi l-aktar biex ibid fuq il-weraq tari tal-ġdur, pastard, eċċ. Ibid kwantità kbira ta' bajd u f'xi snin jiżgħed tant li ma tkunx tista' ssib tarfu. Id-Dipartiment tal-Biedja għandu preparat li nstab ta' effett kbir għat-trażżin ta' dan l-insett u dawk kollha li jkunu jeħtieġu dan il-preparat għandhom japplikaw fl-Uffiċċju tal-patoloġija, 88, Triq il-Fran, il-Belt.


## GĦALL-BIEDJA U ĠONNA

**Imqassijiet u għodod tal-Ġonna u tar-raba'; Pompi famużi tal-bexx; Mediċini kontra l-mard u dwied, nemel, buħarrat, bumeħliesa, bebbux u bugħarwien; Raffja u spag aħdar għar-rbit tal-pjanti u għat-tilqim; Marelli tal-ħajt għall-insib; Tikketti li ma jispiċċawx. Kull ma jinħtieġlek għall-ġnien jew raba' tinqeda mill-aħjar jekk tmur:—**

**MALTA SEEDS LTD.**
**VILLA CHELSEA,**
**16, Triq il-Knisja l-Qadima,**
**Birkirkara.**

**ĦANUT GĦAR-RABA' u ĠONNA**
**FUQ IL-PARAPETT tat-Teatru Rjal,**
**South Street — Valletta,**
**(quddiem tal-bicycles).**


## IL-PROFESSUR ĠANNI BORG

Dan ix-xahar, tmien snin ilu, kien miet missier il-Biedja ta' artna, it-Tabib Ġanni Borg, li minbarra li għamel żmien twil bħala kap tad-Dipartiment tal-Biedja ħallielna warajh għadd kbir ta' opri fuq il-biedja, li kienu ta' l-akbar għajnuna għall-ħidma ta' artna u bħala tagħlim lid-dilettanti u lill-bdiewa.

Kemm dam fid-Dipartiment huwa żied u kabbar għadd kbir ta' ġonna, mixtliet u pjazez bis-siġar. Ħajtu għaddiha jgħallem lil dawk kollha li kieu jixtiequ jitgħallmu, billi kien jiġborhom bl-akbar sabar u jfissrilhom dwar is-sengħa tal-kultivazzjoni ta' siġar, ħxejjex u frottijiet. Lill-bdiewa kien iżurhom fl-għelieqi tagħhom stess u bħa paċenzja li tgħaġġeb biex rawmilhom bosta rimedji ġodda u li huma ftit kellhom ħajra li jidħlu għalihom minħabba d-drawwiet qodma li dejjem għexu fihom.

Il-Professur Ġanni Borg jibqa' miftakar għal dejjem il-għaliex warajh ħalla ħajjin bosta opri, kollezzjonijiet famużi u legat ta' £4,000 għaż-żieda ta' l-istudju naturali.

Aħna li bqajna warajh ma għandna ninsewh qatt minn quddiem għajnejna bħala l-isbaħ mudell ta' raġel għaref, umli, ta' qalb tajba u ħabrieki għall-ġid tal-biedja u ta' l-istudenti tagħha — kien wieħed minn dawk il-patrijotti kbar, li mingħajr ebda ftaħir u ħsejjes għaraf iżejjen ismu u isem artu b'dija li ftit Maltin oħra kellhom il-ħila bħalu jagħmlu isem hekk kbir u sabiħ.

---

## VANDALIZMU

Ħafna drabi s-sentimenti ta' vandaliżmu kontra s-siġar jitnisslu fit-tfal minħabba nuqqas ta' edukazzjoni li jagħtuhom il-ġenituri tagħhom. Bosta drabi t-tfal iwettqu l-għemil ta' qirda tagħhom quddiem l-istess ommijiethom u missirijiethom u dawn flok igħallmuhom u jgħajtu magħhom, jidħkulhom jew taparsi jwiddbuhom, biex jismagħhom ħaddieħor, b'dak it-ton melankoniku u kiesaħ li speċi bih jinkoraġġuhom aktar biex ikomplu jeqirdu milli biex ibeżżgħuhom: *"Jaħasra dawn it-tfal tiegħi mqarbin wisq, u ma jobdux!"*

Bl-iskuża ta' mqarbin u ma jobdux iħalluhom jagħmlu li jridu!

Dan l-aħħar ġennien irrapportalna waħda ħelwa. Meta mar iwiddeb lil wieħed tifel li rah qed jaqta' l-fjuri, dan it-tifel wieġbu: "Qiegħed naqta' għaliex it-teacher qalilna biex neħdulu l-fjuri".

Aħna ma emminniex sa barra dak li qal dan it-tifel, il-għaliex nafu li ħafna mit-teachers qegħdin jagħmlu ħidma kbira magħna biex igħinu u jrabbu f'qalb it-tfal sentimenti ta' mħabba lejn is-siġar u lejn il-ħdura.

B'danakollu aħna qegħdin inxandru t-tweġiba li ta dak it-tifel sabiex meta min huwa fuqu jara tfal deħlin bil-fjuri, isaqsuhom mnejn ġiebuhom, u jammonuhom dwar li dak l-għemil m'għandux isir.

# Avviżi tad-Dipartiment

## FARAWNI RĠIEL GHALL-BEJGH

Fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa, hemm għall-bejgħ kwantità żgħira ta' Farawni rġiel bin-nofs lira l-wieħed. Dawk li jixtiequ jixtru xi wieħed minn dawn il-Farawni għandhom imorru l-Qasam fil-ħinijiet tax-xogħol.

## ĊAVETTA MITLUFA

Dak in-nhar tal-Konkors tal-Ħlib li sar fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa, instabet ċavetta ta' dar li min tilifha jista' jmur ikellem lis-Suprintendent tal-Qasam biex jiġborha.

## NUMRI REBBIEHA

In-numri rebbieħa fil-lotterija organizzata mill-Għaqda Nazzjonali għat-Trobbija ta' l-Ifrat, kienu: L-ewwel premju (Gidja Saanen) Nru. 670; it-tieni premju (żewġ papri u papru Aylesbury) Nru. 503; it-tielet premju (Fenek Chinchilla) Nru. 533. Min għandu dawn in-numri rebbieħa jmur għall-premijiet fil-Qasam tal-Gvern, l-Għammieri, il-Marsa.

## GHALQA GHALL-BEJGH

Hemm għalqa li fiha 13-il tomna, fl-inħawi ta' Chadwick Lakes, kontrada tas-Salib, limiti tar-Rabat, b'ħamrija ta' kwalità tajba. Min irid jixtriha għandu jmur f'Nru. 13, Lower Victoria Terrace, tas-Sliema, Flat Nru. 3.

## INBID TAL-BUSKETT

L-inbid li jagħsar il-Gvern mill-għeneb li jitkabbar fil-Ġonna tal-Buskett hemm għalih talba kbira. Min għadu ma ppruvahx jista' jixtri minnu billi jċempel Central 4940, fl-Uffiċċju tal-Biedja, Nru. 88, Triq l-Ifran, il-Belt. Dawk li jordnaw tużżana jew iżjed jintbagħtilhom iddar bla ħlas tat-trasport.

## SALVAW IL-MAJJALI

Riesaq iż-żmien meta l-mard fuq il-majjali jista' jitkattar minħabba s-sħana. Kull min irabbi jaqbillu jħarishom bi spiża żgħira, billi japplika biex ilaqqamhom u b'hekk ikun żgur li sejjer iwassalhom qawwijin u sħaħ minn meta jinfatmu sakemm jaslu għall-qatla.

## BAJD GHAT-TFAQQIS

L-istaġun tat-tfaqqis għadu sejjer u mill-Għammieri għadu qiegħed jinbiegħ bajd tat-tfaqqis ta' l-aħjar razez bajjadin ta' tiġieġ li wara provi taw l-aħjar riżultati. Iż-żmien tat-tqegħid dal-waqt jispiċċa u mill-ewwel ta' Ġunju l-bejgħ tal-bajd għat-tfaqqis jiġi sospiż mill-Għammieri billi minħabba s-sħana ħafna mill-bajd jista' jfalli.

## IL-PRODOTT TAL-BASAL

Xi ħadd irrappurtalna li ra xi pjanti talbasal mimsusa mill-mell (irmied), marda li l-pjanti jistgħu jiġu mħarsin minnha billi l-prodott jitbexx bil-mistura Burduliża.

Ix-xita li għamlet ix-xahar li għadda u fix-xahar ta' qabel kellha effett mill-aħjar fuq il-wiċċ tal-basal li huwa mistenni li sejjer ikun abbondanti u ta' kwalità tajba, fejn ma jiġix mimsus minn xi mard.

Jista' jkun li t-talba għal dan il-prodott ma tkunx imgħarqa u jirnexxielna nsiefru xi ftit. Nafu li qegħdin isiru esperimenti ta' xi kwalitajiet ġodda li jingħoġbu aktar mill-basal li konna qegħdin inkabbru. L-Għammieri qegħdin ukoll isiru esperimenti ta' varjetà mitluba ħafna u li d-Dipartiment beħsiebu jxerred mal-Gżira billi jqassam iż-żerriegħa ta' din il-varjetà lil dawk li jixtiequ jrawmu basal ta' nisel ġdid. Din hija t-tieni sena li din il-varjetà qiegħda tiġi ppruvata u s-sena l-oħra kienet tat riżultati soddisfaċenti ħafna.

Id-daqs tal-varjetajiet l-aktar mitluba fis-swieq ta' barra jrid ikun mezzani u billi din is-sena aktarx li l-basal sejjer ikun imdaqqas sewwa, ikun jaqbel li wieħed jaħseb fil-waqt, billi jxattab il-faxxina, u b'hekk il-basla tinżamm f'dak iddaqs preferut għall-esportazzjoni.

## IS-SAGHTAR

Is-SAGHTAR huwa dik il-pjanta li minnha n-naħal isoff l-aktar is-sugu meħtieġ sabiex igħix u fl-istess ħin biex jipproduċi l-għasel.

Bħal issa din il-pjanta tkun qiegħda tinxef u xi nies mingħajr għaqal jibdew ifittxuha biex jaqilgħuha u għal ftit soldi jbigħu lill-fran jew jaħarquha minflok ilħatab.

Ma tistax issir ħsara akbar lit-trobbija tan-naħal minn din il-qerda li tiġi mwettqa għal ftit profitt. Il-Gvern kien ħaseb biex jipproteġi lil din il-pjanta, billi kien għadda liġi apposta u li taħtha min jinqabad jeqred is-sagħtar jiġi kastigat skond din il-liġi. Iżda, ngħiduha kif inhi, aħna għandna fiduċja wisq aktar fuq it-tixrid ta' propaganda minn nies għaqlin li għandhom għal qalbhom imħabba lejn arthom, li jistgħu jagħmlu ġid billi jwissu u jgħallmu lil dawk ta' bla għaqal li jeqirdu s-sagħtar biex ma jkomplux jagħmlu dan.

## 25 RATAL LAHAM FIS-SENA

FENKA waħda tista' tikseb minnha mal-25 ratal laħam fis-sena. Laħam sustanzjus u bnin li l-lum hawn tfittxija kbira għalih u qiegħed jinxtara bil-flus ittajba.

Fenka waħda tista' tinżamm fl-iċken bitħa jew ġnien u jekk tkun miżmuma sewwa u nadifa la tagħmel irwejjaħ u lanqas inkonvenjenzi oħra, minbarra li jekk tisma' mill-pariri li nagħtu aħna dwar it-trobbija, il-fenka li jkollok tinżamm f'saħħitha kemm hija u kemm iż-żrameġ li jkollha.

Il-lum trid minn seba' sa tmien xelini biex tixtri fenek kbir u sabiħ. L-għalies ma trabbihx inti u ma' tul sena tiffranka ħafna flus.

Ħafna mill-fdalijiet tal-mejda jgħoddu ħafna bħala għalf għall-fniek.

## SEJHA LILL-IMPORTATURI

Ikun fl-interess ta' l-importaturi, tad-Dipartiment tal-Biedja u tal-bdiewa kollha jekk niġu mogħtijin lista ta' għodod tal-biedja, misturi, diżinfettanti, u kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-biedja li tinġieb minn barra u min jimportaha. Ibagħtu lista ta' dak li timportaw: Kamra ta' l-Informazzjoni, Uffiċċju tal-Biedja, Valletta.

**ESPORTAZZJONI TAL-PATATA**

**Bit-tħabrik tad-Dipartiment tal-Biedja, u wara li għaddew bosta telegrammi bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern Ingliż, irnexxielna li din is-sena ntawlu ż-żmien tad-dħul tal-Patata fl-Ingilterra, sal-31 ta' Mejju 1953.**

**DELTAFOR**

**Ippruvat mill-aqwa xjenzati tad-dinja b'riżultati li jgħaġġbu f'dik li għandha x'taqsam maż-żieda ta' produzzjoni, ħarsien mill-mard u saħħa fil-qoxra talbajda. — Bajd minn tiġieġ li ġew magħlufa d-DELTAFOR ma jfallu qatt fit-tfaqqis. — Id-DELTAFOR hu żejt tal-ħuta konċentrat, magħmul f'forma ta' trab b'sustanza tliet darbiet aktar miż-żejt tal-ħuta komuni. Jinbiegħ f'pakkett b'irħis li jservi xahar għal kull 12-il tiġieġa.**

**IXTRU PAKKETT MINN GHAND:**

**M.C. BORG CARDONA**

**145 TRIQ KRISTOFORU—IL-BELT.**

(ħdejn il-Knisja tas-Sagramentini).

**NITRAT NATURALI TAĊ-CHILI**

**"CHAMPION BRAND"**

**Huwa d-DEMEL li fih is-sustanzi kollha meħtieġa li għandu bżonn ir-raba'. Isaħħaħ il-pjanti. Ikattar l-uċuħ. DEMEL li jista' jitferrex fuq wiċċ il-ħamrija u jagħmel ġid kbir mingħajr ma jintilef xejn mill-valur tiegħu.**

**Minn 98 sa 99 fil-mija pur u 100 fil-mija effiċjenti.**

JINBIEGH KULLIMKIEN.

Aġenti: **ALEXANDER SANT, 870, Triq Irjali — Il-Ħamrun.**